KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 8**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 28 ta' Ottubru 2024

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2024, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera
Rene Abela - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (skond Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 8.1 Talba

8.1 Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 8.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

8.2 Kulħadd kien preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 8.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Nru 7 u tal-Iskeda ta' Pagamenti numru 9.

8.3.1 Il-Minuti numru 7 u l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 09/2024 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

## 8.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti:

- Semma li kienet ta' għajnuna kbira l-ħaddiema tal-iskema li ġew provduti mid-Dipartiment tal-Kunsill. Wettqu diversi xogħolijiet fil-Qala bħal fiż-żona tal-menħir, fiż-żona tal-Kunċizzjoni, xogħol fi Triq ta' Hondoq, fi Pjazza Repubblika u ħafna aktar.
- Issuġġerixxa li ssir gate fl-entratura tal-Menhir biex ma jidħlux aktar klieb iħammġu ġew. Semma li hemm resident li jgħix qrib u offra li b'mod volantarju jieħu ħsieb iż-żona. Kien hemm qbil ma dan u se jinġiebu xtieli min-nursery tal-gvern.
- Semma li l-vista fl-uffiċċju tal-President ġiet posposta għas-16ta' Diċembru 2024. Qal li l-Kunsill kien ipprepara r-rigal biex jingħata f'isem il-Kunsill u qed jissuġġerixxi li l-fondi li jinġabru fl-attivita tal-Milied Flimkien jingħataw lill-Community Chest Fund. Dawn il-Fondi jingħataw waqt il-vista li se ssir. Kien hemm qbil ma dan
- Semma li wara li ingħatajna l-parir dwar il-Palm mill-Espert tal-Gvern, dan il-weekend inżabru l-palm u saru wkoll il-konki biex ikunu jistgħu jingħataw aktar ilma.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

- Semma li hemm resident ieħor li offra sabiex jieħu ħsieb ir-roundabout li hemm fi Triq is-Simar b'mod volontarju u jitħawwlu wkoll xtieli li jinġiebu mill-ġnien tal-Gvern. Kien hemm qbil dwar dan.
- L-arblu ta' Pjazza Mikiel Buttiġieġ li ntlaqat minn vettura, wasal u se jiġi nstallat fil-ġranet li ġejjin.
- Ġew installati 9 cameras madwar il-Qala, 7 minnhom li se jkunu qed joperaw b'enerġija solari u 2 li se joperaw bl-elettriku. Permezz ta' dawn il-cameras, il-Kunsill qed jimpenja ruħhu sabiex il-Qala tkun aktar sigura, serħan il-moħħ u serenita' għar-residenti.
- Il-Kunsill Lokali tal-Qala akkwista power washer taħt l-iskema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali – Lokalitajiet aktar nodfa. Permezz ta'din il-pressure washer jkun jista jitnaddaf aktar madwar il-Qala. B'hekk inkomplu naħdmu biex nagħtu servizz aħjar lir-residenti Qalin.
- Semma li peress li kien għaddej ħafna kliem dwar il-ħarġa tac-Chocolate Festival, fid-9ta' Ottubru fis-2.35 kien bgħat imejl lill-Kunsilliera u l-istaff kollu tal-uffiċċju dwar x'kienet is-sitwazzjoni. Pero, minkejja dan, ftit wara l-Kunsilliera Valerie C Mejlak tellgħat post fuq il-facebook biex tqajjem panic fost ir-residenti minkejja li ma kienx hemm għalfejn. Kompla jgħid li kien iċċara li l-ħarġa kienet se ssir pero qed naraw kemm se tkun il-konkorrenza u nordnaw it-trasport skond il-bżonn. Dan minħabba li s-sena l-oħra kienu marru 13 il-adult u 3 itfal. Semma li hu kif ukoll is-Seg. Eżekuttiv huma responsabbli mill-fondi tal-Kunsill u għalhekk ħass li l-ewwel għandu jara il-konkorrenza x'se tkun. Għal din is-sena nkitbu 27 persuna u għalhekk ġiet ibbukjata coach. Il-festival kien se jsir fid-19ta' Ottubru pero tħassar minħabba l-maltemp u fis-26ta' Ottubru ir-residenti spiċċaw xorta ma marrux minħabba li kien hemm theddida ta' bomba fuq il-vapur u dan waqqaf is-servizz għal ħinijiet twal.
- Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qalet li hi kienet ħadet ħsieb u kkanċellat il-coach tal-Paramount li kella tinżel iċ-Ċirkewwa.
- Jekk hemm qbil, bħas-snin ta' qabel nitolbu lit-tabib sabiex jagħti l-injezzjoni tal-influwenza lir-residenti Qalin. Kien hemm qbil dwar dan.
- Qed nistennew d-dati għat-tiġdid tal-ID cards.
- Mill-21 sal-25 t'Ottubru, grupp ta' 30 student minn seba' universitajiet Ewropej bħala parti mill-proġett Ewropew, Shape2Gether. qattgħu granet jesploraw aspetti diversi ta' sostenibbiltà f'siti differenti fil-gżira t'Għawdex. Wieħed mis-siti li żaru flimkien mal-Profs Paul Pace u Dott Martin Musumeci mill-Universita ta' Malta, kien Hondoq ir-Rummien fejn kellhom l-opportunità jiltaqgħu mieghi. Matul din il-laqgħa l-istudenti setgħu jesperjenzaw is-sbuħija u l-valur ekoloġiku u soċjali tal-lokal tagħna, u l-ħtieġa li jkun imħares dan il-patrimonju. Matul is-sessjoni l-istudenti saru konxji tal-istrateġiji u l-attakki personali li intużaw fuqi u fuq dawk kollha li opponew il-proġett.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Semma li bħal ma jafu, waqt ix-xogħolijiet li saru fi triq 28 t'april u l-pjazza, kxifna u ħammilna l-entraturi għal-xelters tal-gwerra li kienu kollha mirdumin b'terrapien. Tnaddfu u saritilhom tappiera biex l-access għalihom ikun facli. Qal ukoll li għal shelter li hemm fil-pjazza diga għadda pipe għas-supply tad-dawl u iehor biex jintrema l-ilma minnhu peress li fih madwar pied ilma go fih kollu. Issuġġerixxa li jinbeda l-process ħalli dawn inkunu nistgħu nifthuhom għal pubbliku. Ghalissa ser naraw minn fejn u kif ingibu fondi u x'process hemm biex naghmlu dan il-progett. Staqsa jekk hemmx qbil ma dan. Il-Kunsilliera Mejlak qalet li x-xelters kienet ideja tagħha u s-Sindku qalilha biex ma tkomplix tigdeb.

- Semma li l-offerti għal xogħolijiet relatati mal-Public Convenience tal-Pjazza għalqet u nistennew l-evalwazzjoni tal-bord.
- Issuġġerixxa li ssir ħarġa soċjo kulturali għal nofs Novembru fejn nistiednu lill-Pulizija tal-Komunita' sabiex jagħmel sezzjoni informattiva. Kien hemm qbil dawar dan.
- Semma li l-produzzjoni tas-serje Madame Blanch li ffilmjaw fil-propjeta tal-Kunsill, taw donazzjoni ta €600 li ngħataw direttament , €300 lill-mużew bniet u €300 lill-mużew subien.
- Ġie ffirmat il-Kuntratt għall-akkwist tal-Van Komunitarju li għandu jasal sa nofs Frar 2025.
- Peress li l-Kunsill iddeċieda li mhuc se jsir it-Traffic Management Holistiku tal-Qala , ssuġġerixxa li tinħareġ is-sejħa sabiex jitranġaw ir-roundabouts tal-Qala. Kien hemm qbil li għandha tinħareġ din it-Tender.
- Semma li saret laqgħa dwar iz-zebra crossing fuq il-post, bejn il-Perit tal-Kunsill, l-Kunsillier Karl Buttiġieġ, Is-Seg. Eżekuttiv u tlett residenti li huma affettwati. Ġie diskuss il-problemi li jistgħu jinqalgħu jekk din tiċċaqlaq. Qed nistennew mingħand il-Perit u TM u kif jgħidulna TM nimxu. Kien hemm qbil dwar dan.
- Ippropona li jsiru żewġ banners biex nippromwovu l-attivita' tal-weekend ta' Milied Flimkien u Christmas Market. Kien hemm qbil dwar dan.
- Semma li saret il-kaxxa tad-dwal ġol-pjazza Isqof Mikiel Buttiġieġ minħabba li mingħajra ma setgħux jixgħelu d-dwal tal-fanali.
- Ser jsir service tat-3 defibulators li għandna madwar il-Qala.
- Il-Clean Up li jmiss qed tiġi ssuġġerita għat-2 ta' Novembru 2024.
- Semma li jħoss illi l-front garden tal-Kunsill huwa stil differenti u ma jikkumplimentax id-disinn tal-binja tal-Kunsill u l-iskola. Ssuġġerixxa li nqabdu perit tal-Kunsill biex jagħti parir lil Kunsill b'disinn li jsebbaħ il-front garden tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.
-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

## 8.5 Ġieħ il-Qala u Premju Hidmet iż-Żgħażagħ

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ semma li jkun aħjar kieku l-Premju jingħata lil persuna waħda u l-Viċi Sindku kien ukoll tal-istess opinjoni. Is-Sindku semma li s-Sinjur Bonello li għalih l-Kunsill irċieva nomina, ma xtaqx jaċċetta l-premju peress li mhux se jkunu Malta. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-kunsill irċieva sittax (16)-il nomina għal dan il-Premju, liema nomini ġew ippreżentati fl'envelopes magħluqin kif waslu l-uffiċċju. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ innomina lis-Sinjur Frankie Pisani għax-xogħol kollu li wettaq mal-istudenti li kienu jattendu l-Mużew tas-Subien fil-Qala, kif ukoll lis-Sinjur Shaun Sultana għal unur li kiseb fix-xena sportiva. Is-Sindku innomina lis-Sinjur Frankie Pisani. Il-Kunsill irċieva wkoll erbatax (14)-il nomina għal Dr. Raymond Xerri. Is-Sindku issuġġerixxa illi l-Premju għandu jingħata lil Dr. Raymond Xerri, u dan minħabba li kien u għadu joffri servizz fil-Qala f'diversi oqsma fosthom fil-knisja. Il-Viċi Sindku kif ukoll l-Kunsillier Rene Abela qablu li jingħata lil Dr. R Xerri. Il-Kunsilliera Karl Buttiġieġ u Valerie C Mejlak qablu li għandu jingħata lis-Sinj. Frankie Pisani. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak issuġġeriet li għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-ex Kunsilliera Jesmond u Ivan Cefai għaliex huma wkoll servew fil-Kunsill. Kien hemm qbil illi l-Premju għandu jingħata lill-persuna waħda u għalhekk se jkun qed jingħata lil Dr. Raymond Xerri.

Kien hemm qbil unanimu li Premju Hidmet iż-Żgħażagħ għandu jingħata lis-Sinj Shaun Sultana.

## 8.6 Attivitajiet tal-Milied

Il-Viċi Sindku nforma lill-membri li saru żewġ laqgħat mal-Għaqda tal-Briju u kien hemm kompromess li norganizzaw l-attivita' tal-Milied flimkien. L-attivita' se tkun mifruxa fuq tlett ijiem mit-13 sal-15 ta' Diċembru. Il-Viċi Sindku ta d-dettalji kollha ta' kif ġie mfassal il-programm u ta' min ħa jippartecipa u ġie maqbul li għandu ngħidu wkoll lil Kantanta Ruth Portelli.

Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-ħarġa taċ-Ċikkulata tas-sena d-dieħla jieħdu ħsiebha tal-Banda. Żid jgħid li bħala Kunsill għandna ngħinuhom milli nistgħu. Kien hemm qbil dwar dan.

## 8.7 Monument Vittmi tal-Gwerra

Is-Sindku ssuġġerixxa li minflok ma nqabbdu lill-Kuntrattur (Axiaq Bros) nipprovaw nużaw alternattiva billi jitneħħew tlett filati ta'isfel. Dan minħabba li l-ispiża involuta biex inizżluh l-isfel hi ferm għolja, kważi daqs kemm trid biex terġa tibnih ġdid. Ġie diskuss li hemm riskju li jista jinkiser kompletament. Madanakollu kien hemm qbil sabiex jitqabbad dan il-kuntrattur biex jipprova jneħħi l-aħħar tlett filati. Il-Kunsillier Karl



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Buttiġieġ fakkar fl-importanza li jkun hemm il-prekawzzjonijiet kollha relatati mas-saħħa u s-sigurta' waqt li jkun qed isir ix-xogħol.

## 8.8 Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena 2024

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat r-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2024. Dan ġie approvat unanimament.

## 8.9 Ħruġ u għoti ta' Offerti

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri illi kien hemm varjazzjoni fit-Tender għall-akkwist ta' fanali tal-Pjazza. Dan kien f'żieda ta' aktar wire minn dak previst u għalhekk issuġġeriet illi ssir talba għal approvazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex tali varjazzjoni tkun tista ssir. L-ispiża relatata ma din il-varjazzjoni hija ta' € 1539.82(Vat eskluż). Kien hemm qbil unanimu sabiex immexxu ma din il-varjazzjoni.

Is-Sejħa għall-offerti għal tisbiħ tal-Latrina Pubblika reġgħat ħarġet. Kien hemm qbil illi l-bord tal-evalwazzjoni għandu jkun kompost mid-Direttur Ivan Attard, Direttur Mark Formosa, Inginier Mario Cauchi u minn William Sultana.

Minħabba li l-Kunsill kien iddeċieda li ma jagħmilx l-istudju relatat ma Traffic Manangment plan holistikament, il-Kunsill qabel li għandu jmexxi bis-sejħa għall-offerti għal bini tar-roundabouts madwar il-Qala, kif ukoll jekk nirċievu l-konferma ta' fondi mill-PA, mmexxu bis-sejħa għall-proġett tas-Salib fil-Kunċizzjoni.

## 8.10 Korrispondenza, Materja Amministrattiva, Ilmenti u Suġġerimenti

- Tweġiba mingħand il-WSC dwar it-talba tal-Kunsill sabiex titwaqqa l-kamra ta' fuq id-distillatur f'Hondoq. Infurmawna illi din hija meqjusa ta' valur kulturali u għalhekk ma tistax titwaqqa. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

- Il-Kunsill talab lid-Dipartiment Rurali fi ħdan il-MGP sabiex ningħataw parir professjonali dwar il-palm ta' ħdejn il-Kunsill minħabba li qegħdin imutu. L-Uffiċċjal tal-Agrikoltura tagħna l-parir sabiex isir żbir tal-palm kif ukoll li jingħataw il-fertilizzant u ħafna aktar ilma. Il-Palm inżabar s-Sibt li għadda.

- Talba għal kollaborazzjoni ma Radju Leħen il-Qala sabiex noffru s-sistema tas-sound fil-pjazza San Ġużepp għal żmien il-Milied, Il-Kunsill qabel li jħallas is-somma ta' €900 biex tindaqq il-mużika u materjal ieħor addattat biex noħolqu ambjent festiv kif jixraq fi żmien il-Milied.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Stedina mingħand Reġjun Għawdex, li ntbgħatet lill-membri, sabiex il-Kunsilli jipparteċipaw fir-Regional Year of Culture 2025. F'din l-attivita', wieħed ikun jista juri t-talent lokali u tradizzjonijiet. Se jkun hemm l-ammont ta' €250K sabiex tiġi organizzata din l-attivita'. Il-Kunsill urha x-xewqa li jippartecipa flimkien mar-Reġjun Għawdex għal din l-attivita'.

- Imejl mingħand il-PA li ntbagħtet by imejl lill-membri dwar drawings ġodda relatati ma PAOA03029/24. Għaddew ukoll imejls tal-Perit tal-Kunsill bid-drawings il-ġodda.

- Referenza għat-talba tal-Kunsill sabiex issir letterbox akbar fi Pjazza San Ġuzepp. Maltapost infurmawna li jistgħu jagħtuna letterbox ikbar għall-prezz ta' €250 plus VAT pero l-Kunsill irid isib post alternattiv minħabba li l-bankina hija dejqa. Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Maltapost sabiex dik li hemm tibqa fejn hi u l-Kunsill jidentifika post ieħor fil-Qala għal din il-letterbox.

- Talba sabiex issir mera quddiem residenza fi Triq il-Mitħna. Kien hemm qbil dwar dan.

- Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa dwar it-tilqim b'xejn kontra l-influwenza u l-COVID 19 kif ukoll l-vaċċin Pnewmokokkali 20(PCV20). Kien hemm qbil li bħas-snin l-imgħoddija dan il-vċċin jiġi offrut mill-Kunsill.

- Irċivejna imejl mingħand l-fondazzjoni tal-għasel Malti dwar Bye-Law li ġiet iċċirkulata minn qabel. Is-Sindku semma li ma hux possibli li ma jinqatax il-ħaxix ġo toroq arterjali.

- Tneħħija tad-derilicts (dgħajjes u karozzi). Il-Pulizija tal-Kommunita se jkunu qed jinfurmawna bil-proċedura li rridu napplikaw f'dawn il-każijiet. Is-Seg. Eżekuttiv qalet li ma hix konvinta li dan jista jsir mill-Kunsill. Tistenna direzzjoni bil-miktub dwar dan.

- Il-Pjanti l-ġodda għall-Proġett ta' tiżbiħ fil-Playing Field Maġistrat ġew sottomessi lill-MGP. Kopji tagħhom ġew ċirkolati minn qabel.

- Kien hemm qbil sabiex id-data tal-attivita' tal-Milied ssir flimkien mal-Għaqda tal-Briju u tittella fit-13, 14 u 15 ta' Diċembru 2024. Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-membri li ma stajniex ningħataw fondi mill-MGP, minħabba li diġa ingħataw fondi



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555
qala.lc@gov.mt

lill-Briju għall-istess attivita'. Kien hemm qbil li nerġgħu nqassmu l-flyers fl-iskejjel sabiex jieħdu ritratt ma Father Christmas.

- Electric Bikes – Qbil li nerġgħu noħorġu s-sejħa.

- Kien hemm qbil sabiex il-festun tad-dawl li tpoġġa f'Hondoq jitneħħa u d-dawl tal-Milied fil-Pjazza jixgħel fl-1ta' Diċembru 2024, kif ukoll il-Christmas tree tal-Kunċizzjoni.

- Sar meeting dwar iz-zebra crossing, mal-Perit tal-Kunsill, s-Sindku u l-Kunsillier Karl Buttiġieġ kif ukoll mar-resident tal-post li jinsab fil-faċċata kif ukoll mar-residenti tal-propjeta li jmiss mal-Kunsill. Il-Perit se jkun qed iressaq talba lil TM sabiex iz-zebra crossing titla ftit il-fuq.

- Tabelli ġodda li kellhom jeħlu fil-Pjazza. Sonia ma tridhomx. Tabelli l-oħrajn 'Welcome Qala' se jeħlu fil-ġranet li ġejjin. Hemm bżonn id-dettalji tal-postijiet importanti fil-Qala sabiex terġa ssir il-poster li hemm fi Pjazza L-Isqof Buttigieg. Kien hemm qbil biex terġa ssir il-poster u ġie ssuġġerit li naraw il-Ktieb fuq il-Qala li kien ħareġ Joseph Bezzina.. Is-Seg. Eżekuttiv se tieħu ħsieb sabiex din issir.

- Il-Kunsill bagħat l-informazzjoni mitluba mid-DPF dwar il-proġett tas-Salib. Saru l-meetings ma Ambjent Malta dwar l-urġenza li jimxi l-proġett u ma jintilfux il-fondi. Kien hemm qbil sabiex jekk nirċievu l-approvazzjoni tal-fondi mid-DPF, l-Kunsill imexxi bil-ħruġ tat-tender. Dan sabiex ma jintilfux il-fondi tal-PA.

- Saru l-claims għall-fondi relatati mal-iskema Kulturali Lejla Għawdxija kif ukoll mal-Iskema tal-Clean Up.

- Qed niġbru fondi relatati ma Kontravenzjonijiet li saru qabel ma daħlet is-sistema tal-LESA.

- Bħala parti mill-iskema tad-dipartiment, hemm bżonn li jitwaħħlu tabelli li juru zoni mħarsa bil-cameras tac-CCTV, kif ukoll issir laqgħa ta' nformazzjoni mill-Pulizija tal-Kommunita għar-residenti. Din tista ssir f'ħarġa soċjo kulturali.

- Nhar il-Ġimgħa l-Kunsill iffirma l-ftehim mal-MGP li jgħaddu l-ammont ta' €15,875 Vat inkluż lill-Kunsill biex jitħallsu żewġ ħaddiema mill-CWS stazzjonati fil-Public



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

Convenience ta' Hondoq u ieħor fil-Public Convenience ta' Pjazza San Ġużepp. Dan għal meta jwettqu xogħol fil-btajjel pubbliċi u l-Ħdud.

- Cat houses – Ġew ippreżentati l-kwotazzjonijiet u kien hemm qbil li jinxtraw 5 cat houses.

- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista flimkien mar-ritratti ta' oġġetti li huma obsolete għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kopja tal-lista u ritratti huma annessi u mmarkati bħala dokument A. Kien hemm qbil unanimu/ sabiex dawn l-oġġetti jintremew.

- Fuq talba tal-iskola primarja, se tingħalaq Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ nhar l-20 ta' Diċembru bejn it-8.30 u l-10.30 sabiex isir attivita' bil-fire engine għat-tfal tal-iskola. TM issuġġerew li jkun hemm almenu warden wieħed u kien hemm qbil li dan jiġi ffinanzjat mill-Kunsill.

- Irċivejna d-donazzjoni ta' Madame Blanche għall-filming li sar fil-Kunsill. Il-Kumpanija bagħtet żewġ ċekkijiet ta' €300 il-wieħed, wieħed għal mużew tas-subien u ieħor għal tal-bniet. Dawn ingħataw dirett lilhom.

- Fuq rakkomandazzjoni tal-Awditur Ġenerali kif ukoll tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali , sa Novembru l-Kunsill irid jiġbor il-fondi li tħallsu mill-Kunsill kif indika fir-rapport li ħareġ mill-NAO. Għalhekk se jkunu qed isiru l-ittri rispettivi.

## 08.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**Mill-Viċi Sindku**

- Issuġġerixxa li jsiru korsijiet bħal Yoga jew pilates. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak ssuġġeriet lil persuna mill-Qala li tista tipprovdi dawn il-korsijiet u l-Viċi Sindku semma li hemm ukoll persuna oħra. Kien hemm qbil li naraw f'liema ġurnata s-sala hija vojta u naraw ir-response tan-nies.
- Awgura lis-Sindku għall-unuri li kiseb riċentament fosthom Ġieħ Għawdex u unur ieħor mill-Kamra tal-Periti. Is-Sindku irringrazzjah tal-awguri.

**Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ**

- Semma li xi bdiwa lokali urew ix-xewqa li kors dwar l-użu tal-bexx li qed jiġi wkoll offrut b'kollaborazzjoni ma Kunsill f'Malta jiġi offrut ukoll fil-Qala. Is-Sindku qabel



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

ma dan u kien hemm qbil sabiex noffru s-sala u nagħmluh b'kollaborazzjoni mal-kumpanijia bi prezz sussidjat.

- Fakkar fit-talba għal Keep Clear fi Triq il-Wileġ. Is-Seg. Eżekuttiv se terġa tibgħat tfakkira lil TM.
- Fakkar fit-talba dwar l-istatus ta' squq fi Triq il-Wileġ. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li l-Perit qed jistenna mil-Lands.
- Fakkar ukoll fir-rilokazzjoni tal-Bus Stop tal-Kunżizzjoni
- Semma li se jkun qed jibgħat lis-Surmast tal-Iskola sabiex flimkien jixtru l-kotba u ssuġġerixxa li jekk hemm qbil, jitqassmu fl-attivita' li se tkun qed ittella l-iskola fl-20ta' Diċembru 2024. Kien hemm qbil ma dan

**Mill-Kunsilliera Valerie C Mejlak**

- Semmiet li hemm ħajt eżatt wara d-dar tal-Arċipriet li ilu mwaqqa ħafna. Is-Sindku nfurmha li dak ilu ħafna li kien se jibnih s-sid u ħmistax ilu talbu li jsir mill-MGP.
- Semmiet dwar il-ħmieġ li qed ikun hemm fi triq il-Forn. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Pulizija tal-Komunita' jmur ta' sikwit kif ukoll hemm tas-Sanita li qed jkunu nvoluti.
- Ssuġġeriet li ssir *charging station* oħra fil-Qala minħabba li l-waħda eżistenti fi Triq Papa Piu, ma hix f'post tajjeb u għandha ssir oħra f'post ieħor sabiex jkunu jistgħu jibbenifikaw aktar muturi. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal żewġ stations oħra, waħda issir ħdejn il-Kunsill għal Community Van wara li ssir konsultazzjoni mal-Perit minħabba z-zebra crossing. Kif ukoll ġie deċiż li l-oħra għandha ssir fi Pjazza L-Isqof Buttiġieġ, f'ewwel parking space li hemm eżatt ħdejn il-mappa tal-Qala.
- Stqarret li staqsiet lil min kien mar ic-chocolate festival s-sena l-oħra u ikkonfermaw li marru Malta bil-coach, u mhux vera li kien hemm tlettax-il ruħ imma kienet mimlija għax hi kienet magħhom. Kompliet tgħid li tiddejjaq min iggidibha. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li titkellem fuq il-fatti li għandi rreġistrati, l-flus li ġew depożitati l-bank kien dak ta' €66 li jaqbel mal-lista ta' persuni mniżżla li marru kif ukoll mal-fattura tal-kuntrattur li turi l-ħlas għal minibus. Il-Kunsilliera baqgħat tinsisti li s-Segretarja ma tistax tibqa tmeri għaliex skond hi s-sena l-oħra marru c-Chocolate Festival b'coach u għaliex li torganizza hi jkunu dejjem mimlija. U tiddejjaq min iggiddibha.
- Staqsiet meta se jsiru d-double lines ta' Triq Papa Piu u tal-Pjazza Isqof Buttiġieġ. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet illi qed nistennew il-Perit biex ilesti t-Traffic Management. Il-Kunsilliera qalet lis-Seg. Eżekuttiv li hemm bżonn jkun hemm ċarezza għax filli ngħidu li Traffic management holistiku mhux se jsiru u filli ngħidu li rridu Traffic Managment. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li it-TM ta' dik it-triq qed isir fuq talba ta Transport Malta u dan sabiex jkunu jistgħu japprovaw il-linji s-sofor. Fil-konfront ta' dan, il-Kunsilliera Mejlak insinwat li s-Seg Eżekuttiv qed



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

twaħħal fiha li l-linji sofor ma sarux. Is-Seg. Ezekuttiv wieġbet li t-traffic management kellu jsir minħabba żidiet fit-talbiet ta' linji sofor fl-istess triq.

- Talbet sabiex tkun infurmata dwar ix-xelter tal-Pjazza minħabba li qalet li din kienet proposta tagħha. Is-Sindku qaliliha biex ma tkomplix tigdeb u hi weġbitu biex jara l-minuti.
- Semmiet li bħala parti mid-dikasteru tagħha li hu l-Integrazzjoni Soċjali u wara li tkellmet ma diversi barranin, hija qed tipproponi li kull l-ewwel Hadd tax-xahar isir market fil-Pjazza b'temi differenti bħal ikel tradizzjonali. Qalet ukoll li grazzi għaliha l-kunsill issa għandu l-gazibos u l-imwejjed tiegħu u jistgħu jintużaw għal dawn il-markets. Is-Seg. Eżekuttiv staqsiet b'min se naħdmu biex jintramaw il-gazebos peress li jkun il-Hadd u ħaddiema ma jkollnix. Il-Kunsilliera wieġbet li jintramaw mis-Sibt pero lanqas is-Sibt ma jkollna ħaddiema, allura hija qalet li jitpoġġew mil-Ġimgħa. Hija qalet lis-Seg. Eżekuttiv li propju hi qed taqbeż u tipprova twaqqaf milli tinżamm l-attivita'. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet illi hi ma trid twaqqaf xejn imma fakkret li hija fir-responsabbilta' tagħha li tfakkar lill-kunsill li fil-weekend ma jkollnix ħaddiema u allura jrid jsib alternattivi ta' kif se jsir l-armar u żarmar tal-gazebos u mwejjed. Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx li l-gazebos jitpoġġew fil-Pjazza mil-Ġimgħa għax il-Pjazza tispiċċa Karnival kif ukoll min se jkun responsabbli jekk dawn itiru bil-maltemp u jolqtu lil xi ħadd jew lil xi vettura. Kompliet id-diskussjoni u l-Kunsilliera qalet li dan qed isir apposta biex hi ma titħalla tagħmel xejn. Staqsiet lis-Seg. Eżekuttiv kemm se jiġi jiswa l-Christmas Market ta din is-sena u kemm se jkun qed joħroġ flus il-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet illi barra l-flus li ġejjin mid-Dipartiment speċifikament għal din l-attivita' l-Kunsill qed jipproġetta madwar €1000 u €2000 mill-fondi tal-kunsill. Il-Kunsilliera qalet mela dan il-Christmas market mhux se jiġi organizzat mill-Kunsill. Qalet li l-Viċi Sindku qiegħed hawn biex iħassar u qalet lis-Seg. Eżekuttiv li għadha kif qalet li biex jinfetħu t-toilets kull nhar ta' Hadd mil-Ministeru għandhom €15,000 fis-sena. Is-Seg. Eżekuttiv weġbitha li dak hu dritt tagħhom, ħlas talli jaħdmu fi Hdud u festi. Kompliet id-diskussjoni fejn kompliet tinsisti li hi tefgħat il-proposta fuq il-mejda u qed jippruvaw iħassru. Il-Viċi Sindku stqarr li mhuwiex veru li l-Kunsill ma jridx imma wieħed irid jara li jsib soluzzjonijiet u mhux narmaw il-gazebos mil-Ġimgħa. Il-Kunsilliera Mejlak qalet lis-Seg. Eżekuttiv li biex taqta l-ħaxix u jsir xogħol fit-toroq bħal ma tqabbad lil missier Rene tista dejjem issib. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li kull meta qabbdet lil missier Rene dan ingħata x-xogħol wara li kienu nġabbru l-kwotazzjonijiet. Is-Seg. Eżekuttiv qalet li jekk il-Kunsill jaqbel li jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jsir l-armar, hi kienet tezegwixxi d-deċizjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Mejlak talbet li jittieħed vot għaliex dan huwa parti mid-dikasteru tagħha. Il-Viċi Sindku qalilha li l-attivitjiet huma fid-dikastru tiegħu u s-Sindku qalilha biex ma tippruvax tibdel titli.
- Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qalet li se taqra d-dikjarazzjoni tagħha li skont hi, s-Seg. Eżekuttiv kienet qaltilha li tista taqrha fil-laqgħa li jmiss. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li dan ma hux minnu. Fil-laqgħa preċedenti kienet qaltilha li trid tkun fuq l-aġenda u l-Kunsilliera kienet qalet illi *'mhux problema, anzi nibgħatilek.'* Is-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI QALA

Sindku qalilha li ma tistax taqrha, u li din riedet titnizżel fuq l-aġenda. Il-Kunsilliera qalet li s-Seg. Eżekuttiv hija giddieba u s-Segretarju insistit li dan ma huwiex minnu. Il-Kunsilliera qalet li s-Seg. Eżekuttiv għandha issib ir-recording dak il-ħin pero s-Sindku qalilha li dan ma jsirx issa. Il-Kunsilliera bdiet tgħajjat u tgħid lis-Seg. Eżekuttiv min itiha dritt tiddeċiedi hi meta ttella l-laqgħat online u żiedet li l-liġi tgħid li dawn iridu jitilgħu fi żmien 24 siegħa. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet illi dawn jitilgħu fi żmien a propiżju u talbet lill-Kunsilliera tindika minn liema parti tal-liġi qed tikkwota. L-għajjat baqa għaddej u l-Kunsilliera Mejlak qalet li din id-dikjarazzjoni se tintbgħat lil bord. Is-Sindku waqqaf lil-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak pero hi wieġbet li *'le ma nieqafx'*, reġa għamel point of order għat-tieni darba pero' l-għajjat u l-akkużi fil-konfront tas-Seg. Eżekuttiv baqa għaddej. Kompliet tgħajjar lis-Seg. Eżekuttiv giddieba. Is-Sindku reġa għamel it-tielet point of order u l-Kunsilliera qalet lis-Sindku li qed jigdeb u li f'din il-laqgħa ipprova jgiddibha darbtejn u qalet li kienet tatu provi li mhux minnu. Għalhekk is-Sindku dak il-ħin talab lill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak biex toħroġ il-barra mil-laqgħa. Il-Kunsilliera mill-ewwel wieġbet li se toħroġ il-barra mil-laqgħa minn qalbha u se toħroġ għax trid hi għaliex skont hi lill-Qala *'sħittuha'.* Qamet bil-wieqfa u hi u ħierġa b'mod dirett lejn il-persuna u l-kariga tas-Seg. Eżekuttiv qalet, *'mix-Xewkija u ġiet hawn tisħet lill-Qala.'*

*Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ħarġet mill-kamra fit-18.34*

**Mill-Kunsillier Rene Abela**

- Staqsa jekk it-tabella tal-isem tat-triq il-Mitħna ġietx ordnata. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ordnata u suppost dalwaqt għandha tkun lesta.

-Staqsa jekk tkellemniex mal-feeder dwar il-cat house ħalli tiċċaqlaq kemm jista jkun malajr. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ma kinitx għada ħadmet fuqha pero se tieġu ħsieb tkellimhom.

Is-Sindku qal li dan l-aġir mhux aċċettabli u ma tistax tiġi hawn tgħajjar lis-Segretarju Eżekuttiv b'dan il-mod jew li tgħid li hi giddieba. Is-Seg. Eżekuttiv stqarret li din ma hix sitwazzjoni la pjaċevoli u wisq anqas aċċettabbli meta hi bħala Uffiċċjal Pubbliku qed tiġi attakata personalment waqt il-qadi ta' dmirijietha. Dwar id-dikjarazzjoni, qalet li fl-aħħar laqgħa is-Sindku kien qal lill-Kunsilliera Mejlak li tista tibgħatha biex titniżżel fuq l-aġenda u li kieku bagħtitha kienet titniżżel u tinqara skont kif tistipula l-liġi. Qalet li l-kliem eżatt li kienet qalet fl-aħħar laqgħa, *'anzi nibgħatilek.'* u dan ġie minuted. Li kieku batitha kif suppost, ma kienx ikun hemm ebda diffikulta li tinqara. Is-Sindku stqarr li din ma tistax titħalla tibqa sejra hekk, Kunsilliera bħal Karl u Rene jiġu hawn, jipproponu b'mod kostruttiv u niddeċiedu pero' li tiġi hawn b'dan l-atteġġjament u biex ttellef le. Is-Sindku talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tagħmel rapport dwar dan li ġara u l-aġir fil-konfront tal-kariga tagħha.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

## 08.13 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-18,46p.m u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru 2024 fl-16.30.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekutt



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

'Annex 1'
Meeting NO 8
28/10/24

28th October 2024

List of Obsolete Items to be Discarded

| Ref | Quantity | Description |
|---|---|---|
| | 2 | Black Office Chairs |
| | 8 | Rusted Street Signs |
| | | |

Heidi Grech
Executive Secretary

Paul Buttiġieġ
Mayor

As approved during meeting no 8/2024 on the 28th of October 2024



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

28th October 2024

List of Obsolete Items to be Discarded

| Ref | Quantity | Description |
|---|---|---|
| | 2 | Black Office Chairs |
| | 8 | Rusted Street Signs |
| | | |

Heidi Grech
Executive Secretary

Paul Buttiġieġ
Mayor

As approved during meeting no 8/2024 on the 28th of October 2024



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt










EXCEPT TO RENDER
A SERVICE IN THIS
STREET